SANTA LUĊIJA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Luċija**

**Is-Seba' Leġislatura**
**Laqgħa Numru 50-18**

**29 ta' Novembru 2018**

Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol Santa Luċija fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Terrence Ellul – Sindku
Frederick Cutajar – Viċi Sindku
Caroline Galea - Kunsillier
Joe Bonello – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Il-Kunsillier Liam Sciberras informa lill-Kunsill li ma setgħax jattendi għall-Laqgħa.

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Caroline Silvio – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Terrence Ellul ippresjeda l-laqgħa.

**50.1** **Qari ta' ittri ta' apoloġiji**
Is-Sindku qara ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Liam Sciberras.

**50.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa numru 49-18**

**50.2.1** ***Skart Industrijali fi Triq il-Qoton***
Il-Viċi Sindku irrefera għall-minuta 49.2.1 u qal li Triq il-Qoton mhux qed tinkines kull nhar ta' Sibt kif suppost. Huwa qal li hemm bżonn ta' manutenzjoni tal-kurduna u ta' tabella li hemm fl-istess triq.

**50.2.2** ***Bonġu Bus fil-Lokalita'***
Il-Kunsilliera Caroline Galea irreferit għall-minuta 49.4.5 qalet li xtaqet informazzjoni fuq din l-inizjattiva. Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera Galea bil-proposta ta' inizjattiva Bonġu Bus. Huwa qal li l-Kunsill qabel ma' din il-proposta u bħala sit għażel Dawret it-Torri quddiem il-ħwienet.

**50.2.3** ***Bus Terminus***
Il-Viċi Sindku rrefera għall-minuta 49.7 u staqsa kienx hemm xi *feedback* minn Trasport Malta dwar id-deċiżjoni tal-Kunsill. Is-Sindku qal li għad mhemmx tweġiba u l-Kunsill qabel li jintbagħt *reminder.*

**50.2.4** **Approvazzjoni tal-Minuti**
Il-Minuti tal-Laqgħa numru 49-18 ġew approvati mill-Kunsill.

**50.3** **Affarijiet Finanzjarji u Kunsiderazzjoni u tal-Iskeda ta' Pagamenti**

**50.3.1** **Xiri ta' *Jigger***
Il-Kunsill approva x-xiri ta' *Jigger* b'konnesjoni max-xogħol li qed isir fil-Ġnien is-Serenita' fuq it-tħaffir ta' trinek għat-*three phase cable.*

**50.3.2** ***Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti***
Il-Kunsill approva l-Iskeda ta' Pagamenti numru CM50-18 għall-perjodu bejn it-30 ta' Ottubru 2018 sad-29 ta' Novembru 2018 u minn *cheque* numru BOV 7383 sa *cheque* numru BOV 7421.

**50.4** **Rapport Finanzjarju għat-Tielet Kwart tas-Sena**
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill rapport finanzjarju li jkopri l-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2018 sat-30 ta' Settembru 2018. L-*accountant* tal-Kunsill is-Sinjura Debono tagħt spjegazzjoni tad-dħul u nfiq matul dan il-perjodu**.** Il-Kunsill approva dan ir-rapport.

**50.5** **Kommunikazzjonijiet**

**50.5.1** ***Measure 4.3 Kisi ta' toroq rurali f'Wied Garnaw***
Is-Sindku nforma l-Kunsill li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma kienet ser tkun qed tkopri l-ispiża biex jinbidel il-*main* tal-ilma fi Triq Garnaw. Is-Sindku irringrazzja lill kull min ta l-għajnuna tiegħu u intervjena biex tissolva din is-sitwazzjoni.

**50.5.2** ***Rekalmar ta' Ġnien is-Serenita' għas-sena 2019***

Is-Sindku nforma l-Kunsill dwar proposta biex isir reklamar ta' Ġnien is-Serenita', bħala *venue* għat-tiġijiet, fuq il-*magazine* The Wedding Guide. Il-Kunsill għażel li jkollu pagna sħiħa ta' reklamar għal prezz skontat ta' €450.00 Vat eskluż.

**50.5.3** ***Tiġdid tal-Polza tal-Assigurazzjoni tal-Kunsill***

Il-Kunsill qabel li jġedded il-Polza tal-Assigurazzjoni tal-Kunsill għall-perjodu minn l-1 ta' Diċembru 2018 sat-30 ta' Novembru 2019.

**50.5.4** ***Servizz ta' Cash in Transit***

Il-Kunsill qabel li jġedded il-kuntratt li għandu mal-G4S fir-rigward ta' servizz ta' Cash in Transit biex id-depositi ta' flus u ċekkijiet jitwasslu fil-banek mill-Group 4 Services għal sena oħra bir-rata ta' €22.00+Vat kull vjaġġ b'effett mill-1 ta' Jannar 2019.

**50.5.5** ***Ċir AKL 2018/138 - Ftehim Ħaddiema fuq Skemi (RSSL u CWSEF)***

Is-Sindku semma l-ftehim hawn fuq imsemmi fir-rigward tal-ħaddiema assenjati mal-Kunsill taħt dawn l-iskemi. Il-Kunsill qabel li jiffirma l-mandat biex l-Assoċjazzjoni tiffirma l-ftehim għan-nom tal-Kunsill.

**50.5.6** **Ittra ta' resident dwar Traffic Management fi Triq il-Bwieraq kantuniera ma' Triq Għeneb id-Dib.**

Is-Sindku ressaq talba ta' resident biex isiru *bollards* fil-kantuniera fi Triq il-Bwieraq ma Triq Għeneb id-Dib. Il-Kunsill iddiskuta l-andament tat-traffiku f'dawn l-inħawi u laqgħa t-talba ta' dan ir-resident biex issir *bollard* fil-kantuniera kif propost. Il-Kunsill qabel ukoll li jibda proċess biex tlett toroq li jagħtu għal ġo Triq Peprin isiru *one way* kif ġej:

- Triq Ħalib it-Tajr tidħol biss minn Triq Peprin
- Triq Bwieraq toħroġ biss fuq Triq Peprin
- Triq Pensjeri tidħol biss minn Triq Peprin

Il-Kunsill qabel li din il-proposta tinbagħt lir-residenti ta' dawn it-toroq għal kummenti tagħhom.

**50.5.7** ***Proposta Dr Joseph F. Cassar Galea***

Is-Sindku qara ittra li permezz tagħha qed jiġi propost li tissemma triq jew xi post ieħor għall-avukat Dr Joseph F. Cassar Galea li kien joqgħod Raħal Ġdid. Il-Kunsill innota li Dr Cassar Galea kien sinonimu ma' Raħal Ġdid anki peress li l-lokalita' ta' Santa Lucija twaffet fis-sena 1961 għaldaqstant Dr Cassar Galea forsi ma kienx daqshekk mgħaruf f'din il-kommunita ġdida. Il-Kunsill innota li din il-proposta saret ukoll lil Raħal Ġdid, Tarxien, Gudja u Għaxaq u filwaqt li jirrikonoxxi il-ħidma ta' Dr Cassar Galea jawgura li lokalitajiet oħra jilqu din il-proposta.

**50.5.8** **Attivitajiet b'temi Ċiniżi fi Ġnien is-Serenita'**

Is-Sindku talab lill-Viċi Sindku jagħti d-dettalji dwar l-attivitijiet li ser jittellu miċ-Ċentru Kulturali Ċiniż, bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill, fi Ġnien is-Serenita'. Il-Viċi Sindku ta d-dettalji dwar dawn l-attivita' kif ġej:

*Chineser New Year*: fl-okkazzjoni taċ-Chinese New Year ser tittella attivita' li għaliha l-Kunsill ser ikun responsabbli biss mill-kiri tas–siġġijiet u mwejjed.

*Inawgurazzjoni ta' l-Iskola Ċiniża fi Ġnien is-Serenita'* **-** Proposta taċ-Ċentru Kulturali Ċiniż biex issir l-inawgurazzjoni tal-Iskola Ċiniża fi Ġnien is-Serenita' li għaliha jiġi

mistieden il-Ministru tal-Edukazzjoni, l-Onor. Evarist Bartolo biex jikxef plakka ta' kommemorazzjoni għal inawgurazzjoni ta' din l-Iskola

Il-Kunsill ta l-approvazzjoni tiegħu għal dawn l-inizjattivi.

*Wirja tal-Mediċina Tradizzjonali Ċiniża*: Proposta biex tittella wirja fil-pavillon għal żmien definit. Il-Kunsill qabel li l-wirja għandha tkun għal żmien definit u għandha ssir laqgħa ma' rappreżentanti taċ-Chinese Medical Centre f'dan ir-rigward.

**50.5.9 Pantomima tal-Milied**

Is-Sindku stieden lill-Kunsillier Joe Bonello biex jitkellem dwar attivita' li ser jorganizza fix-xahar ta' Diċembru 2018. Il-Kunsillier Bonello qal li ser jorganizza attivita' biex jieħu r-residenti jaraw il-Pantomima – Jungle Book. Huwa qal li l-ġurnata proposta hija dik tal-Ħamis 27 ta' Diċembru 2018. Il-Kunsill ta' l-approvazzjoni tiegħu għal din l-attivita'.

**50.5.10 *Ilmenti u Suġġerimenti***

**50.5.10.1** Dwar suġġeriment numru 59/2018 il-Kunsill innota suġġeriment biex issir skip għal-ħġieġ fi Triq Helen Buhagiar. Il-Kunsill qabel li jistenna għalissa peress li ħa jkun hemm bdil fil-*bins* u hemm il-possibilita' li jiżdiedu l-Bring in Site.

**50.5.10.2** Dwar Suġġeriment numru 64/2018 il-Kunsill qabel li jsiru *gratings* tal-plastic fuq il-kanal tal-ilma li hemm fi Triq il-Girasol.

**50.5.10.3** Dwar ilment numru 65-2018 is-Sindku nforma li fir-rigward tal-*basement* fi Blk A Flats Independenza, l-Awtorita' tad-Djar qed tistenna l-kuntrattur biex jiġi jagħmel ix-xogħol.

**50.6 *Kuntratt SLLC (RMFP) (57-18-04) Road Maintenance***

Is-Sindku irrefera għas-sejħa hawn fuq imsemmija u qal li importanti li ssir l-evalwazzjoni *on-line* biex fil-laqgħa li jmiss jitressaq l-Evaluation Report għal approvazzjoni tal-Kunsill.

**50.7 Kuntratt SLLC (PCA)57-18-02 – Żamma u Manutenzjoni ta' Latrini Pubbliċi f'Santa Luċija**

Il-Kunsill iddiskuta t-tindif tal-latrini li qed isir bħalissa minn ħaddiem li għandu assenjat miegħu l-Kunsill. Il-Kunsill qabel li jerġa joħroġ sejħa għal dan il-kuntratt. Is-Sur Cutajar ippropona l-Kunsill għandu jitlob għal servizz ta' tmien siegħat kuljum fuq din is-sejħa.
Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u d-dokument tat-*tender* għandu jiġi emendat skond din id-deċiżjoni tal-Kunsill.

**50.8 Laqgħa tal-Lokalita'**

Il-Kunsill iddeċieda li l-Laqgħa tal-Lokalita' għandha ssir nhar is-Sibt 12 ta' Jannar 2018 fid-9.30a.m.

**50.9 Mistoqijiet tal-Kunsilliera**

**50.1.9 *Mistoqsija tal-Kunsillier Sciberras***

Is-Sindku wieġeb għal mistoqsija li kien bagħt permess ta' e-mail il-Kunsillier Sciberras li staqsa għala l-karrozza tal-eletriku baqgħet fl-istess *parking bay* meta l-post ta' din il-karrozza kellu ġie trasferit għal post ieħor. Is-Sindku qal li dik baqgħet hemm sakemm

saru l-arranġament biex il-*parking bay* għal din il-karrozza jiġi trasferit f'post ieħor.

**50.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-7.30p.m. Il-Laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tnejn, 17 ta' Diċembru 2018 fil-5.30p.m.

Konfermati, illum it-Tnejn, 17 ta' Diċembru 2018

| | |
|---|---|
| **Terrence Ellul** | **Caroline Silvio** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |